MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 9/2007

**Geralda sive Giga Falzon, Ganni Falzon u Raymond Bonnici, Tessie Zammit, Mary Borg, Maria Dolores sive Doris Zammit, Annie Bugeja, Joseph Bonnici, Rita Vassallo, Antonia Zammit, Bella Calleja, Grace Debono, Joe Vella, Annie Sant, Rosie Falzon, Mark Dimech, Carmen Pisani, Mary Abdilla, Polly Bonnici, u Margaret Grima**

**Vs**

**Carmel sive Charles, George, Francis, Alfred u Raymond ilkoll ahwa Camilleri, Josephine mart George Borg, Mary mart Carmel Grixti, Michelle mart Publius Zammit, Lorraine mart Vincent Falzon u Christopher Galea**

Il-kawza titratta dwar porzjon art maghrufa bhala tal-Qasbi, Triq Gharghur, Birkirkara li tidher fil-pjanta li hejja l-perit Mario Cassar li b'digriet tal-15 ta' Gunju 2007 kien inkarigat sabiex ihejji pjanta li turi l-art meritu tal-kawza u l-art oggett tac-certifikat ta' titolu mahrug mir-Registratur tal-Artijiet bin-numru 53001634 (fol. 74). Skond il-pjanta annessa mar-rapport, l-art fiha kejl superficjali ta' 981 metri kwadri.

Permezz ta' din il-kawza l-atturi talbu lill-qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-atturi huma l-proprjetarji tal-ghalqa in kwistjoni;
2. Tinibixxi lill-konvenuti milli jimmolestaw lill-atturi fit-tgawdija tal-proprjeta;

Il-konvenuti wiegbu li:

1. Id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-ghalqa hi proprjeta tal-konvenuti kif jirrizulta mic-certifikat tal-art numru 53001634 li hareg ir-Registratur tal-Artijiet.
2. Il-proprjeta kienet ta' Emanuel Camilleri u kienet ilha fil-pussess tieghu sa mis-sena 1994. Dan kif jirrizulta mid-Dipartiment tal-Biedja, fl-Ghammieri. Camilleri dejjem ipposjeda *animo domini* u dejjem hadem l-ghalqa hu u wliedu u ma hallasx qbiela u/jew korrispettiv, la lill-atturi u lanqas lill-persuna ohra.
3. Il-konvenuti huma proprjetarji tal-ghalqa wkoll b'titolu ta' preskrizzjoni ta' tletin sena skond l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili, u dan ghaliex l-ghalqa ilha fil-pussess ta' missierhom u taghhom ghal dawn l-ahhar sittin sena.
4. Il-girien taghhom jistghu jixhdu li l-uniku nies li kienu jidhlu fl-ghalqa kienu l-konvenuti u hadd iktar.

Il-provi li ressqu l-partijiet in sostenn ta' dak li allegaw huma s-segwenti:

**Atturi**.

(a) Kuntratt ta' divizjoni tat-3 ta' April 1985 pubblikat min-nutar Dr Angelo Sammut (fol. 4). L-art meritu tal-kawza kienet oggett ta' dak il-kuntratt.

(b) Rapport tal-perit Joseph Mercieca li kien inkarigat mill-qorti f'kawza ta' divizjoni fl-ismijiet **Geralda Falzon et vs Carmelo Falzon et** (78/61) [fol. 23]. L-art giet deskritta: *"l-ghalqa tal-Qasbi, fit-Triq tal-Balal, limiti ta' Birkirkara. Din l-ghalqa ghandha habel wiehed b'kamra zghira u sigar ta' frott irqieq u bajtar tax-xewk. Ghandha l-kejl ta' cirka erba sighan (0T 4S 0K) u tikkonfina mit-tramuntana ma' proprjeta ta' certu Hadbu, min-nofsinhar mal-gid ta' certu Elia u mill-punent mat-Triq tal-Balal."* (fol. 35).

(c) **Giosue' Zammit** xehed fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2010 (fol. 96). Qal li kien ghamel xi sentejn jaghmel uzu mill-ghalqa, ghal habta tal-1972. Ighid li kien inghata c-cwievet mill-attur Francis Bonnici. Zied ighid li fl-ahhar sentejn ra nies jibnu hajt u gharraf lill-atturi Raymond Bonnici u Joseph Bonnici. Qal ukoll li wara li ma baqax jaghmel uzu mill-ghalqa: *"Imbaghad qisha bdiet tabbanduna dejjem u daqqa l-hajt jaqa' maz-zmien u jiena kull sajf li kien ighaddi… l-bajtar u ghadda z-zmien hekk jigifieri u kien hemm hafna xewk sigar kbar. Kull sajf kont immur qatt ma rajt lil hadd hemmhekk."* (fol. 97).

(d) L-atturi John Falzon u Raymond Bonnici xehedu fi proceduri kriminali [**Il-Pulizija vs Carmel Camilleri et**], u giet prezentata t-traskrizzjoni ta' dak li qalu:

- **John Falzon** (attur) qal li l-art hi proprjeta ta' missieru u hutu. Spjega li mill-1980 m'uzax l-art pero' kien imur; *"Jiena kont naraha dejjem zdingata u gieli sibt il-bieb li jaghti ghaliha imkisser u dejjem nirrangah"*. Fis-sena 2006 kien gie nfurmat minn Raymond Bonnici li xi hadd qala' l-hajt. Kien mar fuq il-post u sab tnejn min-nies jahdmu u qalulu li kienu mqabbdin jaghmlu x-xoghol minn Charles Camilleri. Imbaghad f'Ottubru 2006 bnew il-hajt u l-kaz spicca l-qorti. Wara s-sena 1981 ic-cwievet kienu spiccaw ghandu. Zied ighid li fis-sena 1972 kien l-ewwel darba li mar fl-ghalqa. Kien hemm zewg cwievet, muftih kbir biex jiftah il-bieb ta' barra, u muftieh izghar ghall-bieb tal-kamra li hemm fl-art.
- **Raymond Bonnici** ikkonferma dak li xehed John Falzon. Spjega kif l-art giet mill-wirt ta' Carmel Falzon. Missieru kien prokuratur u dejjem ha hsieb l-ghalqa. Fl-ahhar tas-snin sittin u bidu tas-sebghinijiet, kien ta c-cwievet lil certu Joe Zammit, u wara dahal certu Paul Pace il ghamel 10 snin jiehu hsieb l-art. Kien f'Jannar 2006 li mar fil-post u sab il-hajt maqlugh. Kien hemm tlieta min-nies u qalilhom li l-art hi proprjeta tieghu. Qaluli li hi proprjeta' taghhom. Qal ukoll li fl-ahhar 10 snin kien imur ta' sikwit jittawwal ghaliex il-hajt kien jinqaleb spiss.

**<u>Konvenut</u>**.

- Certifikat ta' titolu mahrug mir-Registru tal-Artijiet (fol. 61-62). Jirrizulta li l-applikazzjoni saret fis-sena 2007 (LRA219/07), cjoe' wara li fis-sena 2006 inqalghet il-kwistjoni bejn il-kontendenti. Fih jissemmew il-konvenuti bhala werrieta ta' Emanuel Camilleri li, skond id-dokument, miet fl-14 ta' Mejju 1966. Fil-fehma tal-qorti, dan ic-certifikat m'ghandu l-ebda valur

probatorju in kwantu l-ewwel registrazzjoni saret fil-25 ta' Jannar 2007, cjoe' wara li giet prezentata l-kawza (5 ta' Jannar 2007).

- **Paul Azzopardi**, ufficjal tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, xehed li fis-6 ta' April 1941 l-art giet registrata f'isem P. Bezzina u ddikjara li l-art kienet proprjeta ta' C. Falzon ta' 21, Triq Azzopardi, Birkirkara. Imbaghad cediha f'isem Emanuel Camilleri ta' 22, Triq Antonio Bosio, Msida, ghalkemm dan tal-ahhar ma kienx irregistraha f'ismu;
- **Alfred Salerno**, xehed li kien habib tal-konvenut Charles Camilleri u kien imur fl-art meritu tal-kawza. Spjega li kien hemm bieb u l-muftieh kienu jahbuh f'toqba hdejn il-bieb. Jiftakar lil Emanuel Camilleri fl-art u jaf li ghandha l-laqam tal-Qasbi.
- Il-konvenut **Charles Camilleri** xehed li minn meta kien ghadu tifel zghir, jiftakar imur fl-ghalqa ma' missieru u hutu. Missieru kien jahdem l-ghalqa fil-hin liberu tieghu. Matul is-snin qatt ma jaf li kien hemm xi hadd li fixkilhom fit-tgawdija tal-ghalqa. Missieru miet fis-sena 1966 u minn hutu, kien hu li baqa' jmur l-iktar. Hutu Raymond, George, Alfred u Frank kienu jmorru wkoll. F'Ottubru jew Novembru 2005 kien iggarraf ic-cint tal-ghalqa u l-ahwa ftehemu li jirrangawh. Ghalhekk inkarigaw bennej sabiex jaghmel ix-xoghol. Kien hemm bieb u kellhom ic-cavetta tieghu. Waqt li kien ghaddej ix-xoghol, il-bennej kien ikkomunika ma' Raymond u nfurmah li kien twaqqaf minn persuna li kienet qeghda tallega li l-art hi proprjeta tieghu. Zied ighid li kien ikun fl-ghalqa kull nhar ta' Sibt u fost il-gimgha meta ma jkunx maltemp kien ighaddi kuljum wara li jispicca mix-xoghol fl-4.30.
- **George Camilleri** kkonferma dak li xehed Charles Camilleri.
- **Francis Camilleri** qal li wara miet missierhom, kienu baqghu jmorru fl-ghalqa u kien izomm il-muftieh.
- **Lorraine Falzon** spjegat li kienet in-neputija tax-xhieda fuq imsemmija. Qalet li ghandha 38 sena u kienet tmur fl-ghalqa mal-genituri. Id-dhul ghall-ghalqa kien minn bieb li kellu muftieh. L-ghalqa kienet ta' nannuha, Emanuel Camilleri. Hekk kienet tisma' lill-ommha tghid. Meta kienet ghadha zghira, kienu jitilghu l-iktar fix-xitwa. Matul is-snin ma kienx hemm terzi li jippretendu xi dritt fuq l-art.

Kull parti qeghda ssostni li hi proprjetarja tal-art meritu tal-kawza. L-atturi m'humiex jitolbu li jinghataw lura l-pussess tal-art. Pero' l-mod kif giet proposta l-kawza u mehud in konsiderazzjoni li jidher li l-art qeghda f'idejn il-konvenuti, ghallinqas il-qorti hekk fehemet[1], il-kawza tista' titqies bhala l-*actio reivindicatoria*. Wara kollox il-partijiet stess hekk qiesuha (ara noti ta' sottomissjonijiet). Hu accettat fil-gurisprudenza li f'kazijiet bhal dawn il-prova tat-titolu tista' ssir b'kull mezz. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-kawza **Joseph Attard et vs Ray Avallone** deciza mill-Prim'Awla[2] fl-24 ta' Mejju 2011:

[1] Fil-fatt f'ittra legali datata 3 ta' Jannar 2006, li ntbaghatet ghan-nom tal-atturi, il-konvenut Charles Camilleri giet nterpellat sabiex johrog mill-ghalqa. Jinghad ukoll li "…inti qed tokkupa l-ghalqa in kwistjoni minghajr ebda titolu." (fol. 174).
[2] Imhallef J.R. Micallef.

*"Illi, madankollu, u minhabba li f'xi kazijiet ikun impossibbli li wiehed juri titolu originali, sa minn dejjem gie moghti lir-rivendikant id-dritt li jipprova titolu aħjar minn dak tal-parti mħarrka. Fi kliem ieħor, meta l-kriterji rigoruzi tal-azzjoni rivendikatorja ma jistgħux jitwettqu għar-rigward tal-piz tal-prova tat-titolu, l-attur jinghata l-jedd li jipprova titolu ahjar minn tal-parti mħarrka. Din l-azzjoni hija magħrufa bħala l-actio publiciana (in rem), li hija azzjoni rejali ta' ghamla petitorja fejn is-sahha tat-titolu huwa mkejjel inter partes u mhux, bħal fil-kazz tal-azzjoni rivendikatorja vera u proprja, erga omnes. Huwa rimedju li l-Qrati tagħna tawh gharfien, ukoll fil-qafas ta' azzjoni ta' rivendika ta' gid minn idejn ħaddiehor. B'mod partikolari, dan it-tqabbil tat-titoli tal-parti attrici u tal-parti mharrka jsir meħtieag meta l-parti mharrka tiddefendi lilha nnifisha bl-eccezzjoni ta' titolu li jhabbatha mat-titolu tal-parti attrici, li, implicitament, titqies li hija eccezzjoni li taghraf it-titolu tal-parti attrici".* (ara wkoll **Avukat Dottor Edward Debono nomine vs Patrick Cutajar et** deciza mill-Prim'Awla[3] fl-1 ta' Gunju 2012).

Fil-kawza **Michele Attard nomine vs Felice Fenech** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 1875 (Vol. VII.390), gie osservat:

*"Che l'azione intentata dell'attore nel suo libello quale procuratore dell'assente Angelo Zarb e' duplice, la vindicatoria e la pubbliciana, giusta I principi della legge Romana; colla prima l'attore deve provare di aver il dominio della cosa, che vuole rivendicare e di averla legittimamente acquistata; colla seconda di averne avuto il possesso, e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu' debole del suo…..*

*Che in difetto di un titolo scritto l'attore e' ammesso a provare il suo dominio, od il possess sulle clausure nel libello menzionate con, qualunque altro mezzo permesso dalla legge;*

*Che trattatandosi di beni acuistati o trasmessi per successione intestata, la produzione di prove istrumentali per dimostrare il passaggio dei detti beni dall'autore all'erede e' impossibile".*

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:

1. Carmelo Falzon kien mizzewweg lil Carmela Falzon bint Paolo Grech;

2. Il-kawza **Geralda Falzon proprio et nomine vs Carmelo Falzon et** (78/61), kienet kawza ta' divizjoni. L-art in kwistjoni kienet oggett ta' dawk il-proceduri. Fit-3 ta' April 1980 il-partijiet kienu ttransigew b'kuntratt pubblikat min-nutar Angelo Sammut (fol. 4) u b'dak il-kuntratt saret il-qasma. L-art in kwistjoni tissemma fil-kuntratt. Jidher li l-gid li nqasam kien komuni bejn Joseph Falzon (kien mizzewweg lil Gerarda Falzon) u huh Carmel Falzon, cjoe' r-ragel ta' Carmela Falzon. Fit-23 ta' Gunju 1966 miet Carmel Falzon, filwaqt li fit-30 ta' Gunju 1966 mietet Carmela Falzon. Il-qorti qeghda tifhem li Carmel u Carmela konjugi Falzon ma kellhomx tfal u ghalhekk wirtitu martu. Fid-

[3] Imhallef C. Farrugia Sacco.

denunzja ta’ Carmela Falzon jissemma testment fl-atti tan-nutar Angelo Sammut ta’ April 1959;

3. F’rapport imhejji mill-perit tekniku (il-perit Paul Mercieca) [ara paragrafu K, fol. 35] fl-imsemmija kawza, jinghad li kien mar fil-proprjetajiet. Pero’ ma jirrizultax meta mar u kif dahal. Fir-rapport jinghad li l-art fiha kejl ta’ 4 sighan (cjoe’ 750 metri kwadri), ghalkemm skond il-perit Mario Cassar fiha kejl ta’ 918 metri kwadri. Pero’ m’hemmx kontestazzjoni li hi l-istess art.

4. Il-konvenuti ghamlu riferenza ghax-xhieda ta’ Paul Azzopardi, ufficjal fid-Dipartiment tal-Agrikoltura fejn spjega li skond ir-records fuq l-art kien hemm bidwi registrat (Paul Bezzina ta’ 61, High Street, Has-Sajjied, Birkirkara), fis-6 ta’ April 1944. Il-kejl tal-art li jissemma hu ta’ 4 sighan u 9 kejliet, li tfisser 918.26 metri kwadri. Dan il-kejl hu identiku ghall-kejl li hemm fil-pjanta tal-perit Mario Cassar (fol. 74). Jirrizulta wkoll li bhala sid kien registrat C. Falzon ta’ 21, Triq Azzopardi, Birkirkara. Il-qorti qeghda tifhem li r-riferenza hi ghal Carmelo Falzon, ir-ragel ta’ Carmela Falzon jew ghal missieru li wkoll kien jismu Carmelo Falzon[4]. Fil-fatt l-indirizz ta’ Falzon jinghad li hu 21, Triq Azzopardi, Birkirkara. Fid-denunzja ta’ Carmela Falzon jinghad li kienet residenti fil-fond 22, Triq Azzopardi, Birkirkara. Fuq bazi ta’ probabilita’ l-qorti tikkonkludi li hu l-istess fond. F’denunzja addizzjonali ta’ Carmela Falzon jissemma l-fond 21/22, Triq Azzopardi, Birkirkara (fol. 53).

5. Fir-records tad-Dipartiment tal-Agrikoltura jinghad ukoll *"quitted to Manuel Camilleri 22, Ant. Bosio Str, Msida)"* . Hu evidenti li f’xi zmien il-bidwi Paul Bezzina ceda l-ghalqa lil Emanuel Camilleri, missier uhud mill-konvenuti[5]. Il-qorti hekk qeghda tifhem dak dikjarat fid-dokument a fol. 176a. Ghalkemm il-konvenuti jsostnu li l-art kienet qeghda tinhadem minn Emanuel Camilleri sa mis-sena 1944[6], mix-xhieda ta’ Paul Azzopardi jirrizulta mod iehor. M’hemmx prova meta l-art ghaddiet f’idejn Emanuel Camilleri.

6. Apparti mix-xhud Paul Azzopardi, Paul Bezzina ma ssemma minn l-ebda xhud iehor. Pero d-dokument hu indizju li l-art kienet f’xi zmien, ghallinqas zgur fis-sena 1944 f’idejn Paul Bezzina. Hu wkoll evidenti li Paul Bezzina, meta rregistra l-art fl-1944, ghamel dikjarazzjoni li s-sid huwa C. Falzon. Dan ifisser li Bezzina kien detentur u mhux pussessur. Kieku ma kienx hekk fir-records tad-Dipartiment tal-Agrikoltura ma kienx ser jitnizzel li s-sid hu Falzon. Taghrif li m’hemmx dubju li nghata minn Bezzina. Jidher ukoll li f’xi zmien, ma nafux meta[7] ghalkemm qabel is-sena 1966 cjoe’ s-sena li fiha miet Emanuele

[4] Ara xhieda ta’ John Falzon (fol. 139).

[5] Ghalkemm l-atturi jsostnu li m’hemmx prova min kien Emanuele Camilleri, il-qorti ma taqbilx. Fil-fatt mill-provi li ressqu l-konvenuti rrizulta li kien missier uhud minnhom, u kien ighix l-Imsida.

[6] Ara nota ta’ sottomissjonijiet.

[7] Paul Azzopardi xehed: *"F’xi zmien, meta ma jirrizultalix, dan Bezzina kien nehha din ir-registrazzjoni tieghu w informa lid-dipartiment li kien ceda l-art favur Manuel Camilleri, ta’ 22, Antonio Bosio Stree, Imsida. L-ahhar registrazzjoni hija dik li ghadni kif semmejt u cioe’ li Bezzina cediha lil Camilleri pero*

Camilleri, l-art ghaddiet ghandu. Mir-records tad-Dipartiment jidher li kien Paul Bezzina li ghadda l-art lil Camilleri. Fil-fehma tal-qorti, dan jista' jfisser biss li Emanuele Camilleri wkoll kien detentur tal-art. Mill-provi jidher li Camilleri ma kienx ha l-art f'idejh b'mod klandestin izda cedielu Bezzina. It-tibdil tad-detenzjoni f'pussess (*interversione del possesso*), tista' ssehh fejn id-detentur jesterna l-intenzjoni tieghu li jippossjedi *animo domini*. Hekk per ezempju jigri meta jaghmel opposizzjoni fil-konfront tas-sid u b'hekk jurih li m'huwiex izomm il-haga bhala detentur imma jzommha bhala tieghu. M'hemmx prova li dan sehh f'dan il-kaz.

7. Detentur ma jistax jakkwista bil-preskrizzjoni (Artikolu 2118 tal-Kodici Civili[8]). 'Il fatt li f'xi zmien id-detentur jibda jqies li qieghed jikkunsidra li qed izomm l-art *animo domini*, ma jfissirx li mat-trapass ta' 30 sena jsir is-sid.

8. F'kull kaz il-qorti tosserva li m'hijiex facli li taccetta l-verzjoni li taw il-konvenuta meta tikkunsidra li hemm provi kunfliggenti.
9. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuti sahqu li l-atturi m'ghandhomx titolu. Haga li m'ghamlux fin-nota tal-eccezzjonijiet fejn illimitaw ruhhom biex isostnu li l-art hi proprjeta taghhom bil-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena. Il-qorti fehemet in-nota ta' l-eccezzjonijiet fis-sens li l-konvenuti jsostnu li ghandhom titolu ahjar minn dak tal-atturi. M'ghandux ikun li fin-nota ta' sottomissjonijiet konvenut iressaq argumenti li ma jkunux riflessi fl-eccezzjonijiet. Fejn il-konvenut jaddotta t-tip ta' difiza li ressqu l-konvenuti, allura jinkombi fuqu li jaghti prova li ghandu titolu ahjar minn dak tal-attur (ara **Abela vs Zammit** deciza mill-Prim'Awla fis-16 ta' Mejju 1962). Fis-sentenza **Albert Mizzi nomine vs Rita Azzopardi et** tas-27 ta' Marzu 1996, il-Qorti tal-Appell osservat li fejn il-konvenut ma jiddefendix ruhu biss fuq pussess semplicim, *"imma tal-pussess kwalifikat biz-zmien li jaghtihom titolu ta' proprjeta u li allura jeskludi t-titolu ta' proprjeta riklamat mis-socjeta attrici.* ***Dan il-fattur igib mieghu spostament fl-oneru tal-prova in kwantu ma jibqax qabel xejn jinkombi fuq min jippromwovi l-azzjoni l-oneru li jipprova t-titolu tieghu ad eskluzjoni ta' dak tal-pussessur*** *b'mod li f'kaz ta' dubju jipprevali dak ta' min qed jippossjedi l-immobbli imma ikun jispetta lill-possessur, jigifieri lill-appellanti li fl-ewwel lok jippruvaw it-titolu taghhom"* (enfazi mizjuda).

---

*nghid li dan Camilleri mir-ricerka li ghamilt, ma jidhirx li dan Camilleri ha x'interess biex jirregistraha f'ismu."* (fol. 167).

[8] "***Dawk li jzommu l-haga f'isem haddiehor jew il-werrieta taghhom***, *ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infishom: bhal ma huma l-kerrejja, id-depozitarji, l-uzufruttwarji, u generalment, dawk li ma jzommux il-haga bhala taghhom infishom."* (enfazi mizjuda). Per ezempju fil-kawza Attard nomine vs Fenech, fuq citata, il-Qorti tal-Appell osservat: *"Che il convenuto non poteva quindi col decorso del tempo prescrivere in vaore suo il dominio dei detti beni; perche il possesso del mandatario e' un possesso precario, e la prescrizione in favor suo non potrebbe cominciare a decorrere, se non dopo aver reso I conti ed ottenuto quietanza dal suo costituenete (Troplong, Prescrizione No. 490)"*.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti:-**

1. **Tiddikjara li l-art murija fil-pjanta Dok. MCP1 tal-perit tekniku Mario Cassar u li tinsab fi Triq Hal-Gharghur, b'kejl ta' disa' mija u tmintax-il metri kwadri, hi proprjeta' tal-atturi.**
2. **B'riferenza ghat-tieni talba ma tqiesx li ghandha bzonn li taghti provvediment gialadarba r-rimedju li kellhom jitolbu kien li l-konvenuti jigu zgumbrati mill-art.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------